



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 17.4.2007
KUMM(2007) 187 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-
Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-prospetti ta' l-istatistika
rigward it-trasport tal-passiġġieri, il-merkanzija u l-posta bl-ajru**

WERREJ

	SOMMARJU EŻEKUTTIV	3
1	INTRODUZZJONI	3
1.1	L-ISFOND U L-GĦANIJIET ³	
1.2	KUNTEST TAL-POLITIKA ⁴	
1.3	REGOLI TA' IMPLIMENTAZZJONI	5
1.4	IL-KOPERTURA TA' L-ISTATI MEMBRI U TA' PAJJIŻI OĦRA	5
2	IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT	6
2.1	KWESTJONIJIET LI JINQALGĦU	6
2.1.1	IR-RISPETT LEJN OBBLIGI LEGALI.....	6
2.1.2	Il-piż ta' l-implimentazzjoni u l-għoti regolari tad- <i>data</i> għall-pajjiżi li jagħmlu r-rappurtar ⁸	
2.1.3	Il-proċess ta' ġabra, kompilazzjoni u validazzjoni tad- <i>data</i>	9
2.1.4	Il-kwestjonijiet metodoloġiċi	9
2.2	RIŻULTATI.....	9
2.2.1	It-trasmissjoni u l-validazzjoni tad- <i>data</i>	9
2.2.2	Gwida metodoloġika	10
2.2.3	It-tixrid ta' <i>data</i>	10
3	KONKLUŻJONIJIET	12
3.1	INVESTIMENTI GĦAL ŻMIEN QASIR.....	12
3.2	INVESTIMENTI GĦAL ŻMIEN TWIL.....	12

WERREJ TA' TABELLI

Tabella 1:	Il-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament:it-tqassim ta' <i>data</i> miġbura skond is-sena.....	7
Tabella 2:	Il-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament:in-numru ta' ajruporti li jagħmlu r-rappurtar skond il-ġabra tad- <i>data</i> u s-sena.....	8
Tabella 3:	It-trasport tal-passiġġieri, l-merkanzija u l-posta bl-ajru skond il-pajjiż: Id- <i>data</i> ta' l-2005 u t-tkabbir għall-2003-2005	11

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, l-merkanzija u l-posta bl-ajru

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Ir-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, il-merkanzija u l-posta bl-ajru¹ jispeċifika fl-Artikolu 9.2 tiegħu li, wara li d-*data* tkun inġabret għal perjodu ta' tliet snin, il-Kummissjoni se tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan ir-rapport hu mmirat biex jikkonforma ma' dan ir-rekwiżit ladarba l-ewwel tliet snin ta' ġabra ta' *data* tkun tlestiet (2003-2005).

Wara deskrizzjoni ġenerali ta' l-isfond, l-għanijiet u l-kuntest ta' politika ta' l-att legali, jiġu diskussi xi kwestjonijiet marbuta ma' l-implimentazzjoni. Ir-rapport jippreżenta wkoll informazzjoni dwar ir-riżultati ewlenin miksuba. It-taqsimha finali tipprovdi l-konklużjonijiet u l-iżviluppi futuri possibbli.

L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament wassal għal żieda fid-disponibbiltà ta' informazzjoni dettaljata dwar it-trasport bl-ajru Ewropew ta' passiġġieri u merkanzija kif ukoll għal titjib fil-kwalità u t-tempestività tad-*data*. L-Istati Membri għamlu sforz biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament u l-biċċa l-kbira minnhom qed jipprovdu d-*data* kollha mitluba filwaqt li jirrispettaw iż-żmien stipulat.

1 INTRODUZZJONI

1.1 L-ISFOND U L-GĦANIJIET

Ġabra volontarja ta' *data* dwar l-istatistika tat-trasport bl-ajru kienet bdiet mis-sena ta' referenza 1993 bbażata fuq metodoloġija miftiehma ma' l-Istati Membri. L-adozzjoni tar-Regolament 437/2003 għamlet uffiċjali l-metodoloġija li kienet diġà fpostha u wessgħat l-ambitu ta' l-għoti ta' *data* għal xi elementi addizzjonali. Dan ir-Regolament kien għalhekk maħsub biex jipprovdi lill-Kummissjoni, lill-Istituzzjonijiet oħra ta' l-UE, lill-gvernijiet nazzjonali u lill-pubbliku ġenerali b'*data* ta' l-istatistika komparabbli, affidabbli, armonizzata, regolari u komprensiva dwar l-iżvilupp tat-trasport tal-passiġġieri, il-merkanzija u l-posta bl-ajru fl-Unjoni Ewropea.

¹ Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, il-merkanzija u l-posta bl-ajru, ĠU L 66, 11.3.2003, p. 1.

Il-karatteristiċi ewlenin tar-Regolament 437/2003 jistgħu jitqassru kif ġej:

- L-obbligi għall-għoti ta' *data* hija stabbilita fil-livell ta' l-ajruport. Xi gruppi ta' ajruporti huma definiti sabiex jippermettu d-distribuzzjoni modulari tal-piż fuq min iwieġeb permezz ta' talba għal aktar *data* minn ajruporti kbar u ta' daqs medju u billi jitnaqqas jew jitneħħa l-obbligu għall-għoti ta' *data* minn ajruporti iżgħar.
- Ġew definiti żewġ livelli għall-għoti ta' *data*: l-istadju tat-titjira u l-oriġini/id-destinazzjoni tat-titjira. Dan huwa importanti biex ikunu ssorveljati l-flussi ta' trasport bl-ajru *intra* u *extra*-UE skond il-moviment ta' l-ajruplani (l-istadju tat-titjira) jew skond il-moviment tal-passiġġieri/tal-merkanzija (l-oriġini/id-destinazzjoni tat-titjira) u biex ikunu identifikati l-passiġġieri fi tranżitu dirett.
- L-informazzjoni trid tingħata separatament għall-wasla u għat-tluq kif ukoll għal servizzi skedati u mhux skedati. Dan jippermetti analiżi dettaljata tal-flussi li jidħlu u joħorġu kif ukoll ta' l-impatt differenti tas-servizzi skedati u mhux skedati, b'mod partikolari fil-livell *extra*-UE.
- Huwa previst ukoll l-għoti ta' informazzjoni dwar il-linja ta' l-ajru, għalkemm il-kopertura ma kenitx definita speċifikament f'dan ir-Regolament. Dan huwa importanti biex tkun isorveljata l-liberalizzazzjoni tas-swieq u, b'mod aktar partikolari, il-livell ta' kompetizzjoni fir-rotot differenti u l-introduzzjoni ta' trasportaturi bi prezz baxx.
- Fil-każ ta' l-informazzjoni dwar l-istadju tat-titjira, jintalbu tliet varjabbli addizzjonali: in-numru ta' titjiriet, it-tip ta' ajruplani u l-postijiet disponibbli. Din l-informazzjoni hija rilevanti biex ikunu analizzati fid-dettall il-flussi minn ajruport għal ajruport f'termini ta' konġestjoni, kapaċità u użu ta' flotot.

1.2 KUNTEST TAL-POLITIKA

L-iżvilupp tal-Politika Komuni tat-Trasport jeħtieġ l-aqwa għarfien possibbli tal-medda u ta' l-evoluzzjoni tat-trasport bl-ajru ta' passiġġieri u merkanzija. Il-White Paper *Il-politika Ewropea tat-trasport għall-2010: iż-żmien li niddeċiedu*² ddefiniet l-għan tal-Politika Komunitarja tat-Trasport biex tgħin sabiex jiġu pprovduti sistemi effiċjenti u effettivi tat-trasport għall-Ewropej. Dan l-għan inżamm fir-Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-*White Paper*³, għalkemm aktar orjentat biex jiżgura l-mobbiltà sostenibbli fl-Ewropa. Għalhekk, l-istatistika dwar l-avjazzjoni fil-Komunità tintuża għat-tfassil, għas-sorveljanza u għall-evalwazzjoni tal-politika tat-trasport ta' l-UE u oqsma oħra ta' politika ta' l-UE bħalma huwa t-tħaddim tas-Suq Intern.

L-importanza ta' din id-*data* għat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-UE qed tiżdied. Pereżempju, wara l-kompetenza mogħtija lill-Kummissjoni, din l-informazzjoni hija użata dejjem iżjed għat-tnejjija ta' negozjati għal ftehim dwar it-trasport bl-ajru ma' pajjiżi terzi. Din l-informazzjoni hija użata wkoll għall-kwestjonijiet dwar l-Amministrazzjoni ta' Traffiku ta' l-Ajru, għall-kejl ta' flussi ta' passiġġieri u merkanzija u għall-kalkolu tat-tqassim modali tat-

² COM(2001) 370 tat-12 ta' Settembru 2001

³ COM(2006) 314 tat-22 ta' Ġunju 2006: "Inżommu lill-Ewropa miexja - Il-Mobbiltà sostenibbli għall-kontinent tagħna. Reviżjoni ta' nofs it-term tal-White Paper tat-Trasport ta' l-2001 tal-Kummissjoni Ewropea".

trasport fl-UE. Eżempju ieħor huwa l-użu ta' din id-*data* biex jitkejjel id-dħul fl-ajruporti fi ħdan il-fruntieri ta' l-UE.

Qed tikber ir-rilevanza għal *data* dwar il-passiġġieri, hekk kif id-*data* dwar ir-riżervazzjonijiet tal-biljetti f'sistemi ta' riżervazzjonijiet bil-kompjuter qed issir dejjem anqas rappreżentattiva tas-suq totali minħabba lprenotazzjoni bl-internet li dejjem qiegħda tiżdied. Barra minn hekk, l-informazzjoni miġbura fuq it-tip ta' servizz (skedat/mhux skedat) hija diffiċli ħafna biex tinkiseb minn sorsi oħra u hija rilevanti b'mod partikolari fuq xi rotot *extra* UE fejn ikunu predominanti s-servizzi mhux skedati tal-passiġġieri.

Għal trasport bl-ajru ta' merkanzija, il-kopertura aħjar u t-titjib fil-kwalità ta' *data* tippermetti użu aktar frekwenti ta' din l-informazzjoni li għaliha ma jeżistux sorsi alternattivi.

Dawn li ġejjin huma eżempji oħra ta' l-użu ta' din id-*data* għall-ħtiġijiet tal-politika:

- Il-possibiltà li jkunu rrapportati kodiċi tal-linji ta' l-ajru skond ir-rekwiżiti tar-Regolament hija utli biex ikunu ssorveljati l-kompetizzjoni u l-għajjnuna ta' l-Istat.
- Id-*data* miġbura għal ajruporti żgħar u ta' daqs medju hija utli għal finijiet ta' politika reġjonali.
- L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni hija wkoll interessata fl-isfruttament ta' din id-*data* għal finijiet ta' sigurtà.
- Hemm ukoll potenzjal għall-użu ta' din id-*data* għal finijiet ta' politika ta' l-ambjent (i.e. l-emissjonijiet u l-istorbju).

1.3 REGOLI TA' IMPLIMENTAZZJONI

Ir-Regolament 437/2003 jagħti s-setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni, li għandhom ikunu eżerċitati permezz tal-proċedura ta' komitoloġija kif stabbilit fl-Artikoli 10 u 11. L-Eurostat uża din il-proċedura biex jadotta sett ta' regoli li jkopru aspetti differenti ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament. Dawn ir-regoli huma adottati fil-forma ta' Regolamenti tal-Kummissjoni wara l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika.

S'issa ġew adottati żewġ Regolamenti ta' implimentazzjoni u Regolament ieħor għaddej mill-proċedura sabiex jiġi adottat fl-2007.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni 1358/2003⁴ jipprovdi sett komprensiv ħafna ta' arranġamenti ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari l-elenku ta' ajruporti tal-Komunità u d-derogi permessi għal kull Stat Membru, l-arranġamenti tekniċi għat-trażmissjoni tad-*data*, kif ukoll ir-reviżjoni tad-definizzjonijiet, in-nomenklatura, il-kodifikazzjoni u l-għabriet ta' *data* li għandhom jiġu pprovduti.

⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1358/2003 tal-31 ta' Lulju 2003 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospetti ta' l-istatistika fir-rigward ta' trasport ta' passiġġieri, merkanzija u posta bl-ajru, u li jemenda l-Annessi I u II tiegħu, ĠU L 194, 1.8.2003, p. 9.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni 546/2005⁵ huwa prinċipalment immirat biex ikopri t-tkabbir ta' l-UE għal għaxar Stati Membri ġodda fl-2004 peress li jipprovdi l-eleku ta' l-ajruporti tagħhom u d-derogi mitluba.

L-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni huwa skedat biex jiġi adottat fl-2007. Dan se jipprovdi reviżjoni sħiħa ta' l-eleku ta' ajruporti tal-Komunità li għandhom ikunu applikabbli minn Jannar 2007. Dan l-eleku ma jinkludi l-ebda deroga għax kollha diġà skadew fl-2006.

1.4 IL-KOPERTURA TA' L-ISTATI MEMBRI U TA' PAJJIŻI OĦRA

Ir-Regolament 437/2003 japplika direttament u fl-intier tiegħu għall-Istati Membri kollha. M'għandux bżonn jiġi traspost fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Madankollu, ir-Regolament ipprovda l-possibilità li jingħataw derogi għal ċerti ajruporti, għabriet ta' *data* u fatturi varjabbli skond ċerti regoli u għal perjodu massimu ta' żmien ta' tliet snin (sa l-2005 inkluża).

Fir-rigward tar-Rumanija u l-Bulgarija, iż-żewġ pajjiżi ddikjaraw ir-rieda tagħhom li mas-sħubija jikkonformaw għal kollox mal-leġiżlazzjoni ta' l-UE f'dan il-qasam mingħajr ma jitolbu l-ebda deroga. L-eleku ta' ajruporti ta' dawn iż-żewġ Stati Membri ġodda ġie inkluż fit-*Trattat ta' Adeżjoni mal-Bulgarija u r-Rumanija skond l-Adattazzjonijiet Tekniċi għall-Acquis Statistiku*.

Fir-rigward tal-pajjiżi kandidati, il-Kroazja u t-Turkija jipprovdu *data* aggregata fil-livell ta' l-ajruport filwaqt li l-*ex* Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ma tipprovdi l-ebda informazzjoni.

Fl-2003, ir-Regolament 437/2003 kien inkorporat formalment fl-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim taż-ŻEE minn Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE⁶. Skond din id-Deċiżjoni l-Iżlanda u n-Norveġja jridu jittrażmettu d-*data* mitluba fir-Regolament filwaqt li l-Liechtenstein huwa eżentat.

Id-*data* bbażata fuq il-prinċipji ta' Regolament hija wkoll trażmessa mill-Iżvizzera b'konformità mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kooperazzjoni fil-qasam ta' l-istatistika⁷.

2 IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT

2.1 KWESTJONIJIET LI JINQALGĦU

2.1.1 IR-RISPETT LEJN OBBLIGI LEGALI

Il-konformità ma' l-obbligi għall-għoti ta' *data* ddefiniti fir-Regolament, esperjenzat evoluzzjoni pożittiva matul il-perjodu meqjus. L-għoti tad-*data* għall-2003, minkejja li din ġeneralment tkun relativament kompluta, ippreżenta għal xi pajjiżi li jagħmlu r-

⁵ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 546/2005 tat-8 ta' April 2005 li jadatta r-Regolament (KE) Nru 437/2003 fir-rigward ta' l-allokazzjoni tal-kodiċi tal-pajjiżi li jagħmlu r-rappurtar u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1358/2003 fir-rigward ta' l-aġġornament ta' l-eleku ta' l-ajruporti tal-Komunità, ĠU L91, 9.4.2005, p.5.

⁶ d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 132/2003 tas-26 ta' Settembru 2003 li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim taż-ŻEE, ĠU L 331, 18.12.2003, p. 68.

⁷ Iffirmat fis-26 ta' Ottubru 2004 u approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kooperazzjoni fil-qasam ta' l-istatistika, ĠU L 90 tat-28 ta' Marzu 2006, pp.1-21.

rappurtar problemi speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-perjodiċità tal-ġabriet tad-*data* jew ma' lakuni fit-tqassim ta' xi elementi (il-movimenti ta' l-ajruplani, il-passiġġieri fi tranżitu jew il-postijiet disponibbli). L-għoti tad-*data* fis-sentejn ta' wara tejjeb is-sitwazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-perjodiċità tal-ġabriet tad-*data* li issa hija rrispettata bis-sħiħ.

It-tabella 1 turi l-istatus tat-tqassim tad-*data* għall-perjodu 2003-2005 skond il-ġabra tad-*data* u l-perjodiċità. Skond ir-Regolament 1358/2003, il-ġabriet tad-*data* A1 u B1 huma mensili (trimestrali aċċettat fl-2003 biss) u l-ġabra tad-*data* C1 hija għall-inqas annwali.

Tabella 1: Il-konformità mar-rekwiziti tar-Regolament:it-tqassim ta' data miġbura skond is-sena

	2003			2004			2005		
	A1	B1	C1	A1	B1	C1	A1	B1	C1
Il-Belġju	M	M	T	M	M	A/M	M	M	A/M
Ir-Repubblika Ċeka	T	T	T	M/T	M/T	M/T	M	M	M
Id-Danimarka	M	M	M	M	M	M	M	M	M
Il-Ġermanja	M	M	A	M	M	A	M	M	-
L-Estonja	T	-	T	T	T	T/A	M	M	T
Il-Greċja	M	M	M	M	M	M	M	M	M
Spanja	M	M	M	M	M	M	M	M	M
Franza	M	M	M	M	M	M	M	M	M
L-Irlanda	M	-	-	M	M	A/M	M	M	A/M
L-Italja	M	M	M	M	M	M	M	M	M
Ċipru	T	T	T	M/T	M/T	M/T	M	M	M
Il-Latvja	M	-	T	M	M	M/T	M	M	M
Il-Litwanja	-	A	T	-	T	T	M	M	M
Il-Lussemburgu	A	-	A	A	-	-	M	-	-
L-Ungerija	M	M	M	M	M	M	M	M	A/M
Malta	M	M	M	M	M	M	M	M	M
L-Olanda	M	M	A	M	M	-	M	M	-
L-Awstrija	M	M	A	M	M	A	M	M	A
Il-Polonja	-	-	A	M	M	A/M	M	M	A/M
Il-Portugall	T	T	T	M	M	M	M	M	M
Is-Slovenja	-	-	M	M	M	M	M	M	M
Is-Slovakkja	T	T	T	M/T	M/T	M/T	M	M	M
Il-Finlandja	M	M	A/M	M	M	A/M	M	M	A/M
L-Iżvezja	M	-	M	M	M	M	M	M	M
Ir-Renju Unit	M	M	M	M	M	M	M	M	M
Il-Bulgarija	-	-	M	-	-	M	-	-	M
Ir-Rumanija	-	T	T	T	T	T	M	M	M
Il-Kroazja	-	-	-	-	-	A	-	-	A
It-Turkija	-	-	M	-	-	M	-	-	M
L-Iżlanda	M	M	A/M	M	M	A/M	M	M	A/M
In-Norveġja	M	M	M	M	M	M	M	M	M
l-Iżvizzera	T	T	A	M	M	A	M	M	A

TIFSIRA: M Mensili; T Trimestrali; A Annwali -: Not provided

Għad fadal xi problemi għal ċerti Stati Membri. Il-kwestjonijiet ewlenin li għandhom jissolvew huma l-ġoti ta' *data* rilevanti dwar il-merkanzija, it-tqassim ta' *data* miġbura C1 u l-problemi tal-kwalità ta' *data* bl-informazzjoni dwar il-postijiet disponibbli. Madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-pajjiżi kkonċernati qed jimplementaw miżuri ta' korrezzjoni jew għandhom pjanijiet biex itejbu s-sistemi tagħhom sabiex jiżguraw il-konformità sħiħa mar-rekwiżiti legali.

Ma nstabt l-ebda problema partikolari fir-rigward ta' l-applikazzjoni tad-derogi mogħtija. Dawk il-pajjiżi li kienu talbuhom bdew jipprovdu id-*data* meħtieġa wara l-iskadenza ta' dawn id-derogi. Xi pajjiżi ddeċidew ukoll li ma jieħdux vantaġġ minnhom għall-perjodu mogħti kollu u pprovdeu id-*data* qabel ma din saret

obligatorja. It-Tabella 2 turi n-numru ta' ajruporti li jagħmlu r-rappurtar għal kull pajjiż.

Tabella 2: Il-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament:in-numru ta' ajruporti li jagħmlu r-rappurtar skond il-ġabra tad-*data* u s-sena

	2003			2004			2005		
	A1	B1	C1	A1	B1	C1	A1	B1	C1
Il-Belġju	1	1	1	2	2	5	2	2	5
Ir-Repubblika Ċeka	4	4	4	4	4	4	4	4	4
Id-Danimarka	8	3	9	10	10	10	10	10	10
Il-Ġermanja	70	69	40	68	68	40	71	71	:
L-Estonja	1	:	1	1	1	2	1	1	2
Il-Greċja	38	38	38	38	38	38	38	38	38
Spanja	33	33	38	33	33	39	33	33	39
Franza	80	80	80	64	64	64	66	66	66
L-Irlanda	3	:	:	3	3	11	6	6	11
L-Italja	30	30	42	34	34	42	34	34	43
Ċipru	2	2	2	2	2	2	2	2	2
Il-Latvja	1	:	2	1	1	2	1	1	2
Il-Litwanja	:	1	3	:	1	3	3	3	3
Il-Lussemburgu	1	:	1	1	:	:	1	:	:
L-Ungerija	1	1	1	1	1	1	1	1	3
Malta	1	1	1	1	1	1	1	1	1
L-Olanda	5	5	5	5	5	:	5	5	:
L-Awstrija	6	6	6	6	6	6	6	6	6
Il-Polonja	:	:	12	1	1	12	1	1	10
Il-Portugall	9	9	9	9	9	10	10	10	10
Is-Slovenja	:	:	1	1	1	1	1	1	1
Is-Slovakkja	2	2	2	2	2	6	2	2	6
Il-Finlandja	31	28	26	31	30	26	30	30	26
L-Iżvezja	18	:	42	18	3	42	18	3	32
Ir-Renju Unit	47	47	60	47	47	61	48	48	61
Il-Bulgarija	:	:	4	:	:	4	:	:	4
Ir-Rumanija	:	17	17	16	16	16	3	3	9
Il-Kroazja	:	:	:	:	:	8	:	:	9
It-Turkija	:	:	14	:	:	15	:	:	14
L-Iżlanda	1	1	24	1	1	24	1	1	24
In-Norveġja	81	54	133	81	55	137	82	52	166
l-Iżvizzera	7	7	62	7	7	62	7	7	7

2.1.2 Il-piż ta' l-implimentazzjoni u l-għoti regolari tad-data għall-pajjiżi li jagħmlu r-rappurtar

Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li jagħmlu r-rappurtar il-konformità mar-Regolament ħtieġet l-implimentazzjoni ta' proċess ġdid ta' ġabra u kompilazzjoni ta' *data*. F'pajjiżi oħra, l-estensjonijiet jew l-adattazzjonijiet tal-proċessi eżistenti kienu meħtieġa. Fi ftit każijiet biss ma ttieħdu l-ebda miżuri speċifiċi minħabba li l-proċessi eżistenti kienu biżżejjed biex jissodisfaw ir-rekwiżiti. Għandu jingħad li fir-Regolament ma kien previst l-ebda appoġġ finanzjarju biex ikopri l-ispiża ta' l-implimentazzjoni tiegħu.

Fir-rigward ta' l-għoti regolari tad-*data*, il-piż tax-xogħol involut huwa meqjus bħala aċċettabbli mill-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li jagħmlu r-rappurtar. Madankollu, f'xi pajjiżi dan jinvolvi piż kbir, b'mod partikolari għall-ajruporti bħala l-fornituri oriġinali tad-*data*.

F'termini ta' spejjeż, fl-2006 tnieda studju pilota għan-nom tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Programmazzjoni u l-Koordinazzjoni tas-Sistema ta' l-Istatistika Ewropea li żvela sitwazzjoni eteroġena ħafna, bi spiża medja annwali għal kull ajruport li jagħmel ir-rappurtar, li tvarja b'mod notevoli minn pajjiż għall-ieħor. Sa ċertu punt, dan jirrifletti l-pożizzjoni differenti ta' l-Awtorità Nazzjonali Kompetenti (ANK) responsabbli għat-tqassim tad-*data* lill-Eurostat fir-relazzjoni mal-fornituri tad-*data* nazzjonali, ġeneralment l-ajruporti. L-ANK tista' tkun l-uffiċju ta' l-istatistika nazzjonali, l-awtorità ta' l-avjazzjoni ċivili, il-Ministeru tat-Trasport jew ukoll l-amministrazzjoni ta' l-ajruport fil-pajjiżi li jagħmlu r-rappurtar fejn hemm ajruport wieħed biss.

2.1.3 *Il-proċess ta' ġbir, kompilazzjoni u validazzjoni tad-data*

Il-proċess ta' ġbir u kompilazzjoni tad-*data* dwar il-pajjiżi li jagħmlu r-rappurtar isegwi fluss tradizzjonali ta' informazzjoni li jitlaq mill-qiegħ 'il fuq. Ġeneralment, dan il-fluss jibda mil-linji ta' l-ajru u/jew mill-aġenti responsabbli għall-provvista ta' *data* lill-organizzazzjonijiet ta' l-ajruport, normalment fuq il-bażi ta' messaġġi elettroniki standard fuq il-movimenti. Imbagħad, l-ajruporti jittrasmettu l-informazzjoni lill-ANK li tagħmel il-kompilazzjoni, il-validazzjoni u t-trasmissjoni tad-*data* nazzjonali lill-Eurostat.

Madankollu, jeżistu xi varjanti għal dan il-fluss ġenerali. F'xi każijiet, l-ajruporti jużaw id-*databases* jew is-sorsi tagħhom biex jipprovdu l-informazzjoni, b'mod partikolari għal uħud mill-varjabbli mitluba fil-ġabra ta' *data* C1 bħal movimenti ta' l-ajruplani. F'każijiet oħra, il-linji ta' l-ajru jew l-aġenti responsabbli jqassmu l-informazzjoni direttament lill-ANK.

L-ANK kollha japplikaw spezzjonijiet tal-validità qabel ma jibagħtu l-informazzjoni lill-Eurostat, billi jużaw proċeduri ta' kontroll żviluppati internament u/jew jużaw għodda softwer ipprovduta mill-Eurostat. Ir-regoli ta' validazzjoni jkopru ħafna aspetti tal-proċess inkluż il-format tad-*data*, il-kodifikazzjoni, il-konsistenza bejn il-ġabriet tad-*data* u l-varjabbli, eċċ.

2.1.4 *Il-kwestjonijiet metodoloġiċi*

L-arranġamenti metodoloġiċi tar-Regolament ta' implimentazzjoni 1358/2003 ipprovdew qafas komuni biex jiżguraw il-ġabra ta' *data* armonizzata u l-produzzjoni ta' riżultati komparabbli. Matul il-perjodu meqjus, ma tqajmu l-ebda kwestjonijiet metodoloġiċi kbar.

2.2 RIŻULTATI

2.2.1 *It-trażmissjoni u l-validazzjoni tad-data*

L-Artikolu 7 tar-Regolament 437/2003 jeħtieġ it-trasmissjoni tad-*data* mhux iktar tard minn sitt xhur wara t-tmiem tal-perjodu taż-żmien ta' l-osservazzjoni. Matul il-perjodu meqjus, il-konformità maż-żmien perentorju tjejbet b'mod sinjifikanti.

Bħalissa, dan iż-żmien perentorju ġeneralment jiġi rrispettat u, f'ħafna każijiet, tnaqqas b'mod sinjifikanti.

Fir-rigward ta' l-arranġamenti tekniċi għat-trasmissjoni tad-*data*, intlaħaq livell għoli ta' standardizzazzjoni. Id-*data* hi trażmessa b'mod elettroniku lill-Eurostat filwaqt li tirsipetta l-istruttura ta' l-inkaramenti tad-*data* u l-forma tar-reġistrazzjoni. Dan jippermetti integrazzjoni malajr ta' l-informazzjoni fuq id-*database* tal-produzzjoni tal-Eurostat u sejba minn kmieni ta' żbalji bażiċi u kodiċi mhux magħrufa.

Ladarba d-*data* tiddaħħal fid-*database* tal-Eurostat, jiġu applikati proċeduri dettaljati ta' validazzjoni sabiex tkun żgurata l-kwalità tad-*data* trażmessa. Il-validazzjoni tinkludi l-konsistenza interna tal-ġabriet tad-*data*, il-konsistenza maż-żmien, il-koerenza bejn il-ġabriet tad-*data* u l-paragun tar-riżultati għar-rotot maqsuma bejn żewġ pajjiżi li jagħmlu r-rappurtar.

Il-livell totali tal-kwalità tad-*data* jista' jitqies bħala għoli. Din l-istqarrija hija bbażata fuq l-implimentazzjoni ta' qafas metodoloġiku komuni solidu, fuq l-isforzi fil-proċeduri ta' kompilazzjoni u validazzjoni fil-livell nazzjonali kif ukoll fuq il-kontrolli ta' kwalità sussegwenti li jsiru fil-Eurostat qabel it-tixrid ta' *data*.

2.2.2 *Gwida metodoloġika*

Il-Eurostat ipproduċa *Manwal ta' Referenza dwar l-Istatistika tat-Trasport bl-Ajru* sabiex jipprovdi lill-Istati Membri u lill-pajjiżi oħra li jagħmlu r-rappurtar bi gwida fl-implimentazzjoni tar-Regolament. Il-Manwal ta' Referenza jiġi aġġornat kull sena biex jinkludi l-informazzjoni, id-dokumentazzjoni jew il-linji gwida l-aktar reċenti, rilevanti għall-ġabra ta' din l-istatistika.

2.2.3 *It-tixrid ta' data*

Skond l-Artikolu 3 tar-Regolament 1358/2003, il-Kummissjoni tista' xxerred id-*data* kollha mhux iddikjarata bħala kunfidenzjali mill-Istati Membri. Fil-prattika, f'it pajjiżi biss użaw din il-klawsola u l-biċċa l-kbira tad-*data* mogħtija lill-Eurostat tista' tinxtered.

Madankollu, it-tixrid ta' informazzjoni tal-linja ta' l-ajru ġiet limitata għal valuri aggregati għal trasportaturi bil-liċenzja ta' l-UE u ta' barra l-UE. L-għoti ta' informazzjoni dettaljata dwar il-linji ta' l-ajru mhix obbligatorja u, fil-prattika, il-limitazzjonijiet ta' kunfidenzjalità fil-livell nazzjonali jwaqqfu lil ħafna pajjiżi milli jwettqu dan il-forniment jew iwassalhom biex jittrażmettu valuri aggregati biss.

Il-Eurostat jippubblika d-*data* miġbura permezz tad-*database* ta' disseminazzjoni tiegħu li hija aċċessibbli mill-websajt tal-Eurostat. Minħabba l-limitazzjonijiet ta' daqs, tiġi applikata struttura ta' livell għat-tixrid ta' *data* minn ajruport għal ajruport (rotot ta' l-ajru). L-Eurostat ixxerred din l-informazzjoni wkoll permezz ta' publikazzjonijiet speċifiċi bħas-sensiela *Statistics in Focus* jew stqarrijiet ta' l-aħbarijiet li jagħtu rilevanza lid-*data* għall-mezzi tax-xandir u għall-pubbliku ġenerali.

Fit-tabella 3 hemm xi ċifri ewlenin dwar it-trasport bl-ajru Ewropew miġbura fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament.

Tabella 3: It-trasport tal-passiġġieri, il-merkanzija u l-posta bl-ajru skond il-pajjiż: id-data ta' l-2005 u t-tkabbir għall-2003-2005

	Passiġġieri		Merkanzija u posta	
	<i>data ta' l-2005</i>	tkabbir għall-2003-2005	<i>data ta' l-2005 (ftunnellati)</i>	tkabbir għall-2003-2005
Il-Belġju	17,813,943	18.0%	694,523	14.5%
Ir-Repubblika Ċeka	11,265,764	45.2%	56,259	5.7%
Id-Danimarka ²	22,172,778	14.1%	7,465	-17.0%
Il-Ġermanja	145,977,422	20.5%	3,005,967	23.0%
L-Estonja	1,393,105	96.2%	9,739	92.8%
Il-Greċja	30,798,527	9.3%	105,502	-23.0%
Spanja	143,679,871	19.5%	526,125	19.6%
Franza	107,955,149	12.1%	1,476,721	4.3%
L-Irlanda	24,254,298	24.4%	89,356	114.6%
L-Italja	87,906,423	18.9%	754,302	10.3%
Ċipru	6,782,277	11.6%	39,220	23.3%
Il-Latvja	1,872,040	165.5%	15,428	14.0%
Il-Litwanja	1,434,241	98.7%	9,580	83.6%
Il-Lussemburgu	1,538,152	6.1%	624,803	3.7%
L-Ungerija	8,048,760	60.6%	55,472	9.8%
Malta	2,757,240	4.1%	16,891	2.2%
L-Olanda	46,433,037	12.8%	1,550,736	11.7%
L-Awstrija	19,684,822	24.6%	181,533	41.0%
Il-Polonja ¹	7,080,325	16.2%	31,130	-48.3%
Il-Portugall	20,272,160	14.3%	129,516	4.8%
Is-Slovenja ¹	1,217,167	16.3%	4,549	-27.1%
Is-Slovakkja	1,582,978	152.9%	4,069	-68.3%
Il-Finlandja	12,348,113	17.4%	119,569	33.3%
L-Iżvezja	22,899,135	12.0%	:	-
Ir-Renju Unit	204,013,386	14.7%	2,450,838	7.2%
L-Unjoni Ewropea 25¹	705,820,750	8.5%	10,953,661	3.5%
Il-Bulgarija	5,022,584	40.5%	16,845	8.5%
Ir-Rumanija	3,493,783	28.6%	17,980	13.5%
Il-Kroazja ¹	3,915,666	18.7%	18,109	82.3%
It-Turkija	53,515,594	58.9%	333,511	19.5%
L-Iżlanda	2,111,100	35.2%	62,969	38.7%
In-Norveġja	:	-	:	-
l-Iżvizzera	28,876,072	12.5%	334,024	3.8%

L-aggregati ta' l-UE jiġu kkalkolati billi jkun eskluż ikkuntjar doppju bejn l-ajruporti msieħba ta' l-UE

¹ Minħabba d-disponibbiltà, it-tkabbir jiġi kkalkolat bejn l-2004 u l-2005.

² Id-data tal-merkanzija Daniża ma tinkludix iċ-ċifri dwar l-ajruport ta' Kobenhavn/Kastrup għax m'humiex disponibbli

3 KONKLUŻJONIJIET

L-esperjenza u r-riżultati miksuba ma' l-implimentazzjoni tar-Regolament 437/2003 jistgħu jitqiesu, b'mod ġenerali, bħala pożittivi ħafna. Anke li kieku kien hemm sistema simili għaddejja qabel l-adozzjoni tar-Regolament, ix-xogħol u r-riżorsi użati fit-twaqqif tar-rekwiżiti legali, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-Eurostat, ippermettew il-produzzjoni mgħaġġla ta' riżultati komparabbli u affidabbli. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari fil-każ ta' l-għaxar Stati Membri li ssieħbu fl-UE fl-2004, meta l-esperjenza preċedenti fil-għbir ta' *data* dwar it-trasport bl-ajru kienet limitata.

Ħafna mill-kwestjonijiet marbuta ma' l-interpretazzjoni tar-Regolament, il-għbir, il-kompilazzjoni, it-trażmissjoni u l-validazzjoni ta' *data* ġew indirizzati u affrontati b'mod adegwat. L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament wassal għal żieda fid-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar is-settur kif ukoll għal titjib fil-kwalità u t-tempestività tad-*data*. Fir-rigward ta' l-użu tad-*data*, ir-riżultati miksuba għandhom applikazzjoni immedjata fit-tfassil tal-politika, b'mod partikolari għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u s-sorveljanza tal-politika fis-settur tat-trasport bl-ajru fil-livell nazzjonali u fil-livell ta' l-UE. It-tixrid ta' *data* permezz ta' mezzi pubbliċi differenti kkontribwixxa biex jagħti viżibilità lill-proċess kollu u biex jipprovdi prospett liċ-ċittadini fuq ir-riżorsi li investew f'hekk.

3.1 INVESTIMENTI GĦAL ŻMIEN QASIR

Fiż-żmien qasir, l-isforzi għandhom ikunu kkonċentrati fuq il-kwestjonijiet li ġejjin:

- Aktar titjib fil-kwalità ta' *data* għal ċerti elementi. Xi pajjiżi li jagħmlu r-rappurtar jeħtieġ li jagħmlu sforzi addizzjonali biex ifornu b'mod regolari *data* affidabbli u komparabbli għall-fatturi varjabbli tal-merkanzija, l-informazzjoni dwar il-postijiet disponibbli jew xi wħud mill-elementi li hemm fil-ġabra ta' *data* C1.
- Għoti ta' informazzjoni dwar il-linja ta' l-ajru. It-tqassim ta' informazzjoni dwar il-linja ta' l-ajru li tifred għall-inqas, it-trasportaturi mill-UE u minn barra l-UE għandu jkun għan li jista' jintlaħaq mill-Istati Membri kollha mingħajr ma jnaqqas ir-restrizzjonijiet ta' kunfidenzjalità. Barra minn hekk, taħt ċirkostanzi speċjali bħan-negozjar ta' ftehim dwar it-trasport bl-ajru ma' pajjiżi terzi, jista' jkun hemm il-bżonn li tiġi stabbilita proċedura li għaliha l-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri biex jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar il-linja ta' l-ajru li ma ġietx ipprovdata skond l-għoti regolari tad-*data*.
- It-tkabbir ta' l-UE għall-Bulgarija u għar-Rumanija. Il-Eurostat se jagħti attenzjoni partikolari biex jiżgura li dawn iż-żewġ Stati Membri ġodda jikkonformaw mal-leġislazzjoni ta' l-UE dwar l-istatistika tat-trasport bl-ajru.

3.2 INVESTIMENTI GĦAL ŻMIEN TWIL

L-investimenti għal żmien twil probabbilment ikunu jfissru l-estensjoni tal-għbir ta' *data* għal fatturi varjabbli ġodda bħal: id-destinazzjoni reali ta' oriġini/finali tal-passiġġieri meta l-vjaġġ jinkludi għadd ta' titjiriet (għall-inqas, għal passiġġieri li għandhom biljett wieħed għall-vjaġġ sħiħ); in-nazzjonalità ta' passiġġieri *extra* UE li

jidħlu fl-UE; il-prezz tal-biljetti; in-numru ta' passiġġieri fi tranżitu indirett (i.e. passiġġieri ta' trasferiment) skond l-ajruport; jew tqassim tan-numru ta' movimenti skond il-perjodu tal-ġurnata u t-teknoloġija skond l-istandards fuq il-livelli ta' l-istorbju ċertifikati.

Dawn il-fatturi varjabbli huma indirizzati skond il-ħtiġijiet ġodda tal-politika u jmorru lil hinn mill-ambitu preżenti tar-Regolament. Madankollu, il-pajjiżi li jagħmlu r-rappurtar esprimew b'mod ċar l-impossibilità attwali ta' ġbir ta' informazzjoni bħal din u l-ħtieġa li l-ġbir ta' l-istatistika tat-trasport bl-ajru jkun ġustifikat kif xieraq.

Xorta waħda, jistgħu jiġu previsti għall-inqas żewġ żviluppi futuri mhux marbuta mar-rekwiżiti ta' *data* ġodda:

- Tnaqqis żgħir fuq il-perjodu tat-trażmissjoni ta' *data* ta' ħames xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' osservazzjoni, skond il-ġbir ta' *data* ta' l-istatistika dwar modi oħra ta' trasport.
- L-estensjoni tal-kopertura ġeografika jew minħabba t-tkabbir ta' l-UE fil-futur jew minħabba l-involvement volontarju ta' pajjiżi terzi permezz ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni.